KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 40

L-Erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Circular Bus service*
6. *Suggerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aggornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-minuti 38_13/04/2015

1.2 Fil-punt 2.2 saret korrezzjoni li l-Kunsillier kien P. Portelli mhux J. Pillow.

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli talab korrezzjoni għall-punt 2.19 fl-ewwel sentenza li tinqara 'kellhom laqgħa dwar il-parteċipazzjoni ta' Bialystok fl-Urbact project ta' Tas-Sliema. *Bialystok Urbact Project*

1.4 Għall-punt 4.9 intalbet korrezzjoni li kien l-Kunsillier P. Radmilli li propona li jingħataw tokens mhux il-Kunsillier P. Portelli. *Tokens SAF*

1.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni tal-minuti. Approvazzjoni tas-seduta 38_13/04/2015

1.6 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 1.3 biex tinqara kif ġej. ' Ġie ssuġġeriet li jsiru tabelli tal-*give way* u *stop signs* kif hemm bzonn' *Tabelli fi Triq Mrabat*

1.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li tiġi ċċarata liema parti tal-bankina fi Triq Santa Marija sari ix-xogħlijiet - bejn Manwel Dimech u Triq Sant' Agatha. *Triq Santa Marija*

1.8 Dwar punt 1.21 (numru 9) il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni fejn is-sentenza tinqara 'li minnflok *outdoor gym* ikun hemm ...' *Suġġerimenti dwar Proġett Gnien Indipendenza*

*Daħal il-Viċi Sindku għas-seduta fis-18.26*

1.9 Intalbet li ssir korrezzjoni f'punt 1.24 li minnflok il-kelma 'trimjati' tintuza l-kelma 'jinzabru'

1.10 Għall-punt 1.32 intalbet korrezzjoni li *cat's cafe* tissewwa mhux issir. *Cat's cafe*

1.11 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 39_28/04/2015. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni tal-minuti. *Approvazzjoni tal-minuti 39_28/04/2015*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 2.1 tas-seduta 38 il-Kunsill ġie infurmat li s-*survey* mil-perit huwa lest u li issa jmiss li ssir il-laqgha mal-Ing Borg, qabel niprocedu bil-hrug tat-tender.

2.2 Gie diskuss l-istat tal-bandli ta' Margaret Mortimer u l-periklu li hemm, u jekk dawn għandhomx jinqalgħu kompletament jew jiġi rranġat b'mod temporanju. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jinqala t-tapit li hemm u jitpoġġa fuq naħa waħda u ssir ġonta biss u li jinxtraw bandli ġodda. Is-Segretarju saqsa mil-liema fond tal-*budget* se jittieħdu dawn il-flejjes, ghax dan ix-xoghol qatt ma kien mahsub. Ġie diskuss wkoll x'jista jsir fl-*area* t'isfel tal-bandli. *Bandli – Margaret Mortimer*

2.3 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li l-parti t'isfel tal-bandli tingħata konkos u tkun aċċessibbli fejn it-tfal ikollhom fejn jiġru. Fil-parti ta' fuq jitneħħew dawk il-bandli l-iktar li huma perikoluzi. Sadanitant jinħareġ tender biex tinxtara *play structure* gdida u jkun hemm kundizzjoni li l-*play structure* li titwaħħal tkun trid terġa tinqala sakemm issir il-proġett il-ġdid, tinzamm għandhom u terġa titwaħħal wara li jsir il-proġett.

2.4 Is-Sindku propona wkoll li titpoġġa tabella fejn il-pubbliku jiġi avzat li se jkun qiegħed isir proġett u t-tiswijiet li se jsiru se jkunu temporanji. *Tabella – Bandli Margaret Mortimer*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-bollard ta' Triq Bisazza u xtaq jinforma li l-kumpanija Alberta ilha tgħaddi biz-zmien lill-Kunsill għaliex il-barrier li twaħħlet baqgħet ma nħaddmitx. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien sewwa ta' fuq wara ħafna stennija. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li issa l-Alberta qegħdin jitolbu l-ħlas ta' bollard li ġiet stallata, u dan wara li l-Kunsill hareg *Purchase Order*, u l-Kunsill għadu ma ħallasx għaliex din baqgħet mhux approvata. Il-Kunsill qabel li l-pagament jinzamm *on hold* u jieħu parir legali jekk għandux jitħallas jew le. *Bollard Triq Bisazza*

2.6 Dwar punt 2.5 rigward il-laqgħa mal-kuntratturi fi Triq Sir Arturo Mercieca is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-laqgħa għad trid issir għaliex hemm diversi kuntratturi involuti. *Laqgħa – Sir Arturo Mercieca*

2.7 Dwar punt 2.6 rigward it-tappieri f'toroq prinċipali ġie nnotat li t-tappieri li saru s'issa ma sarx ix-xogħol kif suppost mill-kuntrattur LK Ltd. Il-Viċi Sindku irrimarka li l-Kunsill għandu jieħu tagħlima li mhux dejjem tajjeb li jmur għall-irħas. Is-Segretarju Ezekuttiv *Xogħlijiet fit-toroq*

informa li x-xogħol fi Sqaq Carmel ukoll ma sarx sew u kif ġie mitlub mil-perit, mill-istess kuntrattur. Il-Kunsill ġie infurmat li din mhux l-ewwel darba li dan il-kuntrattur għamel xogħol ħazin. Gie deċiz li dan il-kuntrattur LK Ltd ma jingħatax aktar xogħol għalissa.

2.8 Il-Kunsill iddiskuta wkoll id-diffikulta ta' min jista jkompli x-xogħol għaliex il-kuntrattur Philip Agius and Sons ma jixtieqx jaħdem għaliex il-perit preċedenti għadu ma ċċertifikax ix-xogħol tiegħu kollhu u l-kuntrattur għad irid jitħallas ta' diversi xogħlijiet. Fuq din in-nota s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill mar tajjeb fl-awditjar finanzjarju li għadu kif kellu, izda l-awdituri irrimarkaw in-nuqqas ta' certifikazzjonijiet ta' *closure* ta' progetti.

2.9 Il-Viċi Sindku saqsa kif se nibqgħu dwar Carmel Lane. Kien hemm qbil li l-kuntrattur ma jitħallasx qabel ma jirranġa in-nuqqasijiet.

2.10 Il-Kunsill iddiskuta kif se jitkomplew it-tappieri. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-perit tal-Kunsill issuġġerixxa zewġ kuntratturi. Il-Kunsill qabel li nitolbu kwotazzjoni mill-kuntrattur Tony Aquilina Ltd għal tlett tappieri li hemm Triq it-Torri u x-xogħol jingħata permezz ta' *Direct Order.* Il-Kunsill qabel ukoll li jqabbad xi kuntrattur milli ssuġġerixxa l-perit għal zewġ tappieri oħra. *Tappieri*

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob lil CSD għal madwar zewġ bins u jitpoġġew ix-Xatt (mill-BlackGold sa Square Deal). Kien hemm qbil dwar dan. *Talba għal bins*

2.12 Il-Kunsillier J. Pillow ikkumenta dwar kif qegħdin jaħdmu l-*handymen* u kif qiegħed isir il-manutenzjoni tal-bankini. Is-Sindku qal li wieħed għandu jagħti ftit cans u niftakru li l-haddiem għadu jibda u qiegħed jintegra. Qal ukoll li diġa qiegħed jidher kambjament. Il-Kunsillier M. Briguglio qabel ma li qal lis-Sindku u qal li l-Kunsill irid joqgħod attent kif jispjega lill-ħaddiem il-ġdid kif iridu isiru l-affarijiet. *Xogħol ta' manutenzjoni mil-ħaddiema tal-Kunsill*

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow propona li biex issir manutenzjoni ta' bankina il-ħaddiema iridu jaqtgħu bil-*grinder* fuq kull naħa tat-tiswija li se jkunu qegħdin jagħmlu (WSC house connections),

2.14 Għall-aktar għajnuna minn ħaddiema għall-manutenzjoni fit-toroq is-Sindku propona li nsaqsu dwar l-iskema tal-ETC. Il-Viċi Sindku qal li rridu naraw li x-xogħol isir sew. *Skema tal-ħaddiema – ETC*

2.15 Ġie nnotat li qiegħed isir il-manutenzjoni tar-*railings* mal-promenade. Is-Sindku qal li se jitlob li jsir manutenzjoni tal-bankijiet ukoll waqt laqgħa ta' *Tourism Zones*.

2.16 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li nistaqsu wkoll dwar l-iskema tal-ħabsin. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif taħdem li dawn il-ħaddiema trid tmur għalihom u toħodhom lura kif ukoll irid ikollhom *lunch*. Fakkar ukoll li l-Kunsill għandu van wieħed. *Skema tal-ħabsin*

2.17 Is-Sindku qal li l-Kunsill irid almenu jkollu biex jaħdem u ma jistax ifittex perfezzjoni.

2.18 Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jara kif tista tithaddem din is-sistema tal-ħabsin billi jiċċekkja jekk jistax jirranġa għal transport ma' Kunsilli oħra fil-vicin.

2.19 Dwar punt 2.18 rigward ir-rapporti tal-*green wardens* is-Sindku informa li għadu kif ġie infurmat li dan huwa bil-ħlas. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li r-Regjun jirrevedi l-kuntratt. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se ssir riforma dalwaqt u ħareġ Avviz Legali dwar it-twaqqif ta' Awtorita Regolatorja ghall-Infurzar Lokali. Il-Kunsill qal li għandu jkun hemm r-rata ta' kull warden. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill għandu jistenna l-proċess ta' konsultazzjoni. Sadanittant il-Kunsill għandu jikteb lir-Regjun li l-Kunsill irid jgħaddi xi punti waqt il-konsultazzjoni. *Green Wardens*

2.20 Is-Sindku qal li reġa wasal z-zmien li jerġa jagħmel propoganda dwar l-iskart. Il-Kunsill għandu jbiddel il-posters għax il-ħinijiet mhux ċari u din ġiet innotata minn *Green Warden* li qegħda ddur prezentatment. Il-Kunsillier D. Muscat propona li nibgħatu *flyers* bil-ħinijiet lir-residenti. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob lil dawn li jagħmlu permessi ta' *street furniture* biex joffru xi tnejn lill-Kunsill fejn fuqhom inkunu nistgħu nwaħħlu l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li kull fejn hemm tabella tal-Kunsill fuq wara jista jitwaħħal poster bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. *Skart f'Tas-Sliema*

2.21 Il-Kunsilliera M. Aquilina rrimarkat li f'certu toroq il-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart qegħdin jgħaddu minn ħafna qabel u jitfgħu l-boroz f'kantuniera u min joħroġ il-borza fil-ħin stipulat ġieli tibqa ma tinġabarx. Is-Sindku qal li l-*contracts manager* għandu jiġi avzat biex jinforma lill-kuntrattur u f'kaz li dan jibqa jsir jinħarġu twissijiet lill-kuntrattur.

2.22 Dwar punt 2.16 il-Kunsill ġie infurmat li l-laqgħa mal-Miracle Foods saret b'mod informali. Tkabbret *un/loading bay* u qegħdin juzawa aktar. Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm bzonn li *un/loading bay* ta' faċċata hemm bzonn li tikber bi ftit.

2.23 Il-Kunsillier J. Pillow informa li tat-Torri qegħdin juzaw il-latrina pubblika ta' taħt it-Torri wara l-11 ta filgħaxija, wara li tkun ingħalqet mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li irċieva talba mill-kuntrattur li qiegħed jieħu ħsieb il-latrini biex jitħallew miftuħin tul il-lejl kollu għax-xhur tas-Sajf. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi ma taqbilx għaliex jistgħu jsiru tip ta' abbuzi. *Latrini Pubbliċi*

2.24 Fir-rigward tat-Torri is-Sindku qal li s-sid informa li hu lest jagħmel *refurbishment* ta' din il-latrina tal-persuni b'dizabilta imma bil-kundizzjoni li wara l-11pm tinfetaħ għall-klijenti tiegħu biss. Kien hemm diskussjoni sħiħa għaliex uħud mill-Kunsilliera qalu li jekk jingħata l-permess għall-*refurbishment* irid iħalli aċċess għall-pubbliku wkoll għaliex meta jkun hemm xi sadd jew xi tip ta' ħsara oħra l-Kunsill ikun irid iħallas. Is-Sindku qal li din hija propjeta tal-Lands u l-Kunsill m'għandux dritt fuqa, hlief dmir li jghamel manutenzjoni. Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet madakollu li jekk tinqala xi ħsara min se jħallas il-Lands jew il-Kunsill ? IL-Kunsillier P. Radmilli qal li importanti li dan il-punt jiġi ċċarat minħabba l-proġett pjanat ta' taħt it-Torri. Kien hemm qbil li sadanittant il-Kunsill ma jidħolx f'arranġamenti ma tat-Torri fuq dan ir-rigward.

2.25 Fir-rigward tal-ftuħ tal-latrini bil-lejl, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti minbarra l-Kunsilliera M. Aquilina minħabba r-raġuni li semmiet f'punt 2.23, li titħalla dik ta' taħt it-Torri għax-xahar ta' Lulju għal zmien ta' prova.

2.26 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*bike stands* se jitwaħħlu u l-*call for quotes* għal *cigarett bins* ħarġet ukoll.

2.27 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kwotazzjoni li kella tintalab għal *security services* għal attivita tal-SAF. Is-Segretarju qal li qatt ma giet diskussa *call for quotations* fil-Kunsill peress li s-servizz jista jinghata permezz ta' *direct order.*

2.28 Dwar l-RPS kien hemm qbil li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jifformolaw proposta fejn tiġi mressqa għall-Kunsill u tittieħed deċizjoni. *RPZ*

2.29 Fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-bollards li hemm fi Triq Sant'Antnin malli jiġi approvat il-*wording* trid issir deċizjoni dwar il-metodoloġija ta' kif ha ssir il-konsultazzjoni. *Konsultazzjoni Triq Sant Antnin*

2.30 Mis-seduta 39 dwar Triq Leone ma Falzon, il-Kunsill għadu qiegħed jistenna risposta mit-TM.

2.31 Dwar punt 1.5 tas-seduta 39 il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill għandux risposta dwar l-iskema ta' għajnuna mill-Gvern għal-asfaltar fit-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu ma jafx biha. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat direttament lill-Ministru u nispeċifikaw it-talba għal Triq Manwel Dimech. *Triq Manwel Dimech*

2.32 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li 'Clean up Campaign' kienet ta' suċċess u ssuġġerixxa lil-Kunsill għandu jikteb lil Brigades ittra ta' apprezzament ta' din l-inizjattiva. Kien hemm qbil dwar dan. *Clean up Campaign*

2.33 Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li għandu jkun hemm nota fil-magazine biex ir-residenti josservaw il-ħinijiet tal-iskart u jkunu infurmati li qegħdin jgħaddu l-*green wardens*. Il-Kunsill għandu jara jekk hux possibbli li din tidħol fil-ħarġa li jmiss minħabba li l-magazine qiegħed fil-proċess li jiġi finalizzat. *Green wardens*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 20.18*

2.34 Il-Kunsillier J. Pillow informa li kellem lill-Ministru għall-aktar siġar f'Tas-Sliema.

*Daħal il-Kunsillier P. Portelli għas-seduta 20.22*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagment tal-perit dwar il-proġett tal-Ġnien għal hemm Ewro 500 differenza mil-kwotazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dawk huma ta' survey addizzjonali ghall-inhawi tal-*car park* tal-exiles.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagement tal-Vodafone u qal li l-Kunsill għandu jara għaliex hemm rati ġodda fil-kuntratti. Is-SE wieġeb li għadu kif ġedded il-kuntratt illum bl-istess rati li dejjem

kien hem u kif kien approvat mill-istess Kunsill.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar is-servizz ta' tindif zejjed tal-knis li sar f'Marzu għaliex kien mingħalih li dan issir biss fis-Sajf. Is-SE wieġeb li din kienet deċizjoni tal-Kunsill li fis-sajf isir iktar imma fix-xitwa għandu jsir ukoll u filfatt qal ukoll li din se tkun punt li se jqajjem hu stess fil-*finance committee meeting* dwar il-*cost cutting*. Kien hemm qbil li tiġi riveduta la darba jigi msejjah il-*finance committee meeting*.

3.4 Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm xi tibdil zgħir fl-iskeda tal-knis u din se tiġi ppubblikata fil-*magazine* li jmiss. — Skeda tal-knis

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk hux is-sistema tal-bulky qegħda tiġi kontrollata u kif. Is-SE wieġeb li filfatt qegħdin jieħdu t-telefonati l-istaff tal-Kunsill, u l-ammonti ta' ordnijiet jigu mqabbla kull xahar mal-invoice. Il-*contracts manager* għandu jiċċekja fuq dan il-kuntratt ukoll.

3.6 Ġie nnotat li l-WI FI ta' Triq Bisazza ma jaħdimx. Il-Kunsill għandu jinforma lill-MCA

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar *drinking fountain* għaliex il-kont reġa ġie għoli. Is-SE spjega kif diġa talab sabiex jkollna *meter reading*, sadanittant l-ARMS permezz ta' email infurmat li f'kaz li jkun hemm leakage xorta ma jingħatawx *refunds* għal il-Kunsill jaqa taħt *non residential account*. Il-Kunsill għandu jagħlaq il-vit sakemm jiġi iċċekkjat. — Drinking fountain

3.8 Il-Kunsillier J. Pilow saqsa dwar kont ieħor tal-ARMS dwar il-funtana tax-Xatt għax qal li waħda minnhom m'hiex taħdem. Ġie prezentat il-kont u ġie verifikat li l-ħlas huwa tal-kera.

3.9 Ġiet prezentata stima għall-manutenzjoni ta' arblu li qiegħed fix-Xatt għaliex dan jintuza anke mil-Kunsill għall-bnadar. Kien hemm qbil li dan isir skont l-istima ta' Ewro 229.41.

3.10 Is-Sindku approva l-pagament ta' din is-seduta. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. — *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill irid jinforma bil-miktub lill-*Sliema Business Community* u l-Baned ta' Tas-Sliema li din is-sena ma hux ser isir it-tizjin tat-toroq bid-dwal tal-Milied minhabba — Tizjin fit-toroq

ragunijiet finanzjarji.

4.2 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li l-kors tal-*beading* se jibda f'Ottubru 2015 *Kors għal beading*

4.3 Dwar it-tender tal-iskart riċiklat is-SE infurma li l-Green MT infurmaw b'ittra li jixtiequ jirtiraw mil-offerta għall-kuntratt. *Tender Skart riċiklat*

*Daħlet il-Kunsillier L. Cassar Shaw għas-seduta 20.54*

4.4 Il-Kunsill ġie infurmat li l-kumitat kien se jirrakomnda xorta waħda l-offerta tal-GreenPak. Kien hemm qbil li jintagħzlu GreenPak.

4.5 Tressaqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni pubblika dwar supply tad-dawl fuq il-blat għall-attivita SAF. Il-Kunsill ġie infurmat li Nexos kien l-irħas offerent. Kien hemm qbil li tingħazel l-offerta tal-kumpanija Nexos. SAF

4.6 Tressqet ukoll kwotazzjoni oħra għall-istess attivita SAF din id-darba għal main stage, dawl u sound għal Gnien Indipendenza u *floodlights* tul il-promenade.

4.7 Kien hemm diskussjoni sħiħa fost il-Kunsilliera prezenti għaliex min ridt imur għall-irħas u min ridt imur għal dak li l-Kunsill kien ħadem miegħu s-sena l-oħra u kien ta' servizz tajjeb. P Portelli irrimarka li ghalkemm mhix l-irhas, il-kumpanija AV Warehouse li hadmet is-sena l-ohra ittina serhan tal-mohh li dakinhar tal-festival ser ikollna *set up* kif mixtieq. M Briguglio qal li l-bands li ser idoqqu diga huma familjari ma din il-kumpanija, u dan jghin ghal *performance* fuq l-istage. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk ikunx hemm lok għall-appell u ġie infurmat li le għaliex din hija kwotazzjoni.

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.19*

4.8 J Pillow saqsa l-ghala mhux ser tintghazel l-irhas offerta. V Galea Pace ukoll qalet li missna nghazlu l-offerta tal-ITC, peress li din l-irhas. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li f'din id-deċizjoni għandna nisimaw mill-Kunsilliera li jifmu f'dan il-qasam. Ġie nnotat ukoll li din mhux kaz ta' tender li hemm xi *probation period* u tista twaqqfu. Din hemm attivita, u tista jew ħarġet tajba jew ħazina dakinhar, bil-konsegwenza li r-reputazjoni tal-Kunsill u tal-SAF tmur hazin. Is-Sindku fakkar li għalkemm deċizjonijiet bħal dawn iridu jittieħdu mil-Kunsill hu jemmen li l-Kunsill għandu jkollu fiducja fil-kumitati tiegħu.

4.9 Ittieħed vot għall-approvazzjoni ta' AV Warehouse skont kif ġie irrakomondat mill-kumitat kif ġej: Is-Sindku, Il-Kunsilliera J. Pillow, P. Portelli, P. Radmilli, L. Cassar Shaw, N. Castaldi Paris, M. Briguglio u M. Aquilina approvaw filwaqt li l-Kunsilliera V. Galea Pace astjenniet.

4.10 Tressqet ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni għal *printing* tal-magazine. Kien hemm qbil li tingħata lill-irħas - Union Print. Dan tal-ahhar ukoll ghandna esperjenza tajba mieghu. *Printing tal-magazine*

4.11 Is-Sindku tkellem dwar proposta min kumpanija privata biex ikun hemm stazzjonijiet diversi għal roti madwar il-lokal. Din se tiġi diskussa aktar fid-dettall fis-sotto kumitat. Sadanitant il-Kunsill qabel li jagħmel nota li l-bicycles ma jistgħux jintuzaw fuq il-*promenade*. Il-Kunsillier P. Radmilli propona wkoll li għandu jkun hemm aktar sigurta għal min isuq il-bicycles fit-toroq bħal per ezempju l-Kunsill jista jgħin billi jipprovdi helmets. Ma kien hemm l-ebda deċizjoni dwar dan. *Bicycles*

4.12 Il-kunsilliera V. Galea Pace reġgħet fakkret li l-muturi għadhom fi Triq Bisazza

## 5. CIRCULAR BUS SERVICE

5.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace prezentat stima għal servizz imsemmi li hija ta' Ewro 25 kull trip.

5.2 Is-SE fakkar li għadu qiegħed jistena tweġiba mit-TM/Ministru jekk din tistax issir jew le u mhux f'pozizzjoni li jippjana r-rotot għalissa. Apparti li l-Kunsill ra' li l-ispiza se tkun waħda għolja u li ma ghandniex *budget* ghaliha.

## 6. SUGGERIMENT MILL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li l-Kunsill jibgħat gwardjani lokali fil-*bus lane* tax-Xatt għaliex ħafna karrozzi biex jevitaw ftit traffiku jidħlu fil-*bus lane* b'veloċita u jista jinħoloq inċident. Il-Kunsill għandu jibgħat kemm il-gwardjani lokali kif ukoll ikellem lill-pulizija. *Bus lane ix-Xatt*

6.2 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li kellu laqgħa Latvia dwar proġett UE u din il-laqgħa li kienet ta' madwar 400 mitt persuna saret permezz ta' *workshops* u qal li tajjeb li l-Kunsill jikkonsidra li l-laqgħa annwali li jmiss tkun xi ħaġa simili fejn kull Kunsillier jieħu grupp. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw proponiet li l-laqgħa annwali *Laqgħa annwali*

ssir darbtejn f'sena.

6.3 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-Kunsill se jkun LEAD Partner. Il-Kunsillier Radmilli irrimarka wkoll li hu qiegħed jipprepara l-applikazzjoni għall *URBACT III project* u l-kumpanija *Heritage Enterprise Consultancy* qegħda tassistih. Dawn irrakomondaw li l-Kunsill Sliema għandu jinvolvi wkoll lil MEUSAC biex jassistih. Fir-rigward għal *partners* kien hemm rispons posittiv ħafna minn *partners* oħra ta' Cipru, Croatia, Czech Republic, Greċċja, Italja, Romania u Slovenja. *URBACT III project*

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Is-seduta ntemmet fl-22.26. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 10 ta' Gunju 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 10/06/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**